Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

# Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 42

**Data:** Il-Ħamis, 14 ta' Jannar 2021
**Ħin:** 17:30
**Post:** Board Room, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, il-Marsa

**Preżenti**:
Is-Sur Mario Fava – President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru

**Segwew online permezz tal-Microsoft Teams:**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Perit Graziella Galea – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**42.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.41**

42.1.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.41.

42.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva il-minuti.

**42.2 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 41**

| | |
|---|---|
| **42.2.1 Alokazzjoni AKL** | Il-President semma li attenda għal-laqgħa ma' Direttur Ġenerali kif ukoll is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Finanzi. F' din il-laqgħa, il-President ta spjegha ta' l-irwol tal-AKL, x' inhi l-Viżjoni tal-AKL kif ukoll taħriġ u inizjattivi oħra li l-AKL tixtieq twassal għand il-membri tagħha. Semma li mir-rispons li ħa jidher li dawn ma kienux infurmati b'dawn, l-affarjiet u għaldaqstant jidher li meta l-AKL kienet tagħmel talba mad-Diviżjoni għall-żieda fl-allokazzjoni, dawn ma kienux jifhmu ghalfejn qed issir it-talba ghaz-zieda. Il-President semma li fl-aħħar ta' Frar għandu jerġa' jattendi għal-laqgħa simili sabiex isiru in-negozjati għall-possibbilita' ta' żieda fl-Allokazzjoni tal-AKL fil-budġit tas-sena 2022. |

**42.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 41**

42.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami u s-Sur Joseph Cordina ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-11 ta' Diċembru 2020 u l-14 ta' Jannar 2021 li kienet tammonta għall-€44,909.99.

**42.4 Rapport Finanzjarju għar-Raba' Kwart tas-Sena 2020**

42.4.1 Il-President preżenta r-rapport Finanzjarju għar-Raba' Kwart tas-Sena 2020. Il-President semma li d-dettalji jinstabu kollha miktuba fl-overview ta' l-istess rapport. Primarjament, il-President semma li l-AKL għalqet is-sena finanzjarja b' surplus ta' €162,000. Dan peress li minħabba il-pandemija COVID-19 ħafna mill-attivitajiet li kellhom isiru kellhom jew jitħassru jew isiru online.

42.4.2 Fuq proposta tal-Presidenti, issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi u Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva ir-rapport hekk kif ippreżentat.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**42.5 Rapport Finanzjarju għas-sena 2020**

42.5.1 Il-President preżenta r-rapport Finanzjarju għas-Sena 2020. Semma li dan ir-rapport huwa ibbażat fuq dak li diġa ġie diskuss fir-rapport finanzjarju għar-raba' kwart tas-sena 2020 li ġie preżentat u approvat aktar kmieni matul l-istess laqgħa.

42.5.2 Fuq proposta tal-Presidenti, issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva ir-rapport hekk kif ippreżentat.

42.5.3 Is-Sur Anthony Mifsud daħħal fil-laqgħa 17:45.

**42.6 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **42.6.1 Vetturi Elettroniċi għall-użu tal-AKL** | Il-President semma li wara s-sejħa għas-servizz ta' leasing ta' żewġ vetturi elettroniċi li kienet ħarġet mill-AKL, il-vetturi kienu waslu dakinhar stess u twaħħlu wkoll żewġ charging points fil-parkeġġ. Dawn kienu inklużi fil-prezz li l-AKL ser tkun qed tħallas għall-lease ta' dawn il-vetturi. |

42.6.2 Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa 17:54

| | |
|---|---|
| **42.6.3 Waste Management Plan** | Il-President semma li kif diġa kienu infurmati, l-AKL organizzat konsultazzjoni online mas-Sindki, Kunsilliera u anki Segretarji Eżekuttivi fejn flimkien setgħu jaqsmu ħsibijiethom kif ukoll problemi oħra fuq is-suġġett imsemmi.<br>Il-President semma li ta bidu għal-dan il-Webinar billi ta' sommarju tal-pjan maħruġ mill-Ministeru tal-Ambjent. Il-President semma li għamel ukoll referenza għal veduti oħra li fi żmien qair ta' konsultazzjoni, l-AKL setgħet taħdem fuqhom, fosthom; il-bżonn ta' collection points, l-użu ta' bins elettroniċi, informazzjoni li l-Kunsill Lokali għandu bżonn sabiex ikun jista' jikkordina u jtejjeb is-servizz mogħti lir-residenti. Semma li il-kuntratt ser joħroġ fuq bażi u Reġjonali hekk kif stipulat fil-liġi u tenna i fir-rapport tiegħu huwa elenka l-importanza li dan ikun amministrat mill-Kunsill Lokali rispettiv. Semma li s-sejħa pubblika qed tiġi fformulata tabella bil-minimum specifications li jrid ikun fih id-dokument ta' tender, din |

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

qed tiġi preparata mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Semma li imbgħad ir-Reġjun irrid jikkordina mal-Kunsilli Lokali sabiex tinkiteb is-sejħa.
Semma li t-trakkijiet għandhom ikunu mgħammra bil-GPS u anki on board camera fuq in-naħa ta' wara ta' trakk. Semma punt ieħor huwa l-implimentazzjoni tal-liġi tal-kondominjum, semma wkoll il-kwistjoni ta' short-lets fejn ir-reġistrazzjoni għand il-kunsill ta' residenti minn pajjiżi oħra li jkunu qed joqgħodu f' appartamenti short-let għandha tkun waħda mir-rekwiżiti għal meta dawn ir-residenti imorru japplikaw għal work permit jew residential permit. Semma li l-Kuntrattur tal-Kunsilli għandu jkun ukoll responsabbli mit-tbattil ta' skips u bins fil-lokalita' ħalli nevitaw li jkun hemm għadd ta' kuntratturi jagħmlu dan ix-xogħol fl-istess lokalita'. Semma li wara l-Kunsill jibgħat invoice lill-iskemi.
Is-Sur Aquilina irrimarka li r-rekwiżiti rikjesti huma ferm għolja u jemmen li m' hawnx kuntratturi lokali li huma attrezzati jew lesti li jinvestu miljuni ta' flus biex ikunu eliġibbli biex jagħtu dan is-servizz. Semma li jidher li hemm problema kbira għax il-maġġoranza tas-Sindki lanqas iridu li t-tender joħroġ fuq bażi Reġjonali. Semma li ser ikun diffiċli li jinstabu kuntratturi biex iservu fuq bażi Reġjoanli fejn hemm medda ta' art kbira.
Il-President semma li wieħed irid jifhem li dan il-pjan huwa għal għaxar snin, għaldaqstant wieħed irid imur lilhinn minn kif jaħsibha illum u irridu naraw kif ser inkunu fis-sena 2030. Il-Presidenti irrimarka li l-boroż fuq il-bankini imferxxin ma' kullimkien qed inaqqsu l-aċċessibbilita' għal dawk ir-residenti li jridu jużaw il-bankina. Semma wkoll li minn issa sas-sena 2022 żgur li l-ebda parti m'hi ser tkun komda u jkollha r-riżorsi li taħdem hekk kif qed jiġi propost, għaldaqstant hu jemmen li l-implimentazzjoni ser tkun aktar tard mis-sena 2022.
Is-Sur Anthony Mifsud semma li bħala Reġjun Tramuntana s-Sindki kollha qabblu li s-sejħa toħroġ mir-Reġjun u l-kuntratt jiġi amministratt mill-Kunsill Lokali risġpettiv. Is-Sur Mifsud semma li huwa ma jaqbilx li l-infurzar jibqa' f' idejn il-LESA jew il-Puluzija imma l-Kunsill Lokali jkollu l-infurzar tiegħu.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Is-Sur Fenech Adami semma li huwa sorpriż li f' Reġjuni oħra s-sindki kollha qablu li s-sejħa toħroġ mir-Reġjun. Dan għaliex fir-Reġjun Ċentru mhemmx Sindku wieħed li jabel ma' din il-proposta. Staqsa jekk Reġjun Tramuntana kellux xi laqgħat mal-Ministru olter minn dawk li attendew ir-Reġjun l-oħra kollha flimkien. Is-Sur Fenech Adami staqsa x' saħħa ser ikun fiha jekk Kunsill Lokali wieħed joħroġ default notice lill-kuntrattur.
Il-President semma li jekk Kunsill Lokali jitlob Reġjun sabiex jintervejni mal-kuntrattur u r-Reġjun jinjora din it-talba, l-aħħar attent tal-Kunsill Lokali jkun li ma jħallasx lir-Reġjun.

**42.6.4 Kuntratti ħaddiema AKL**

Il-President semma li il-kuntratt tal-impjig tas-Segretarju Eżekuttiv tal-AKL kif ukoll dawk ta' żewġ impjegati wieħed fuq Skala 14 u ieħor fuq Skala 11 kienu ser jiskadu f' Awwissu 2021. Il-President talab lill-Eżekuttiv jikkonferma li dawn il-kuntratti setgħu jiġu imġedda. Huwa spejga li qed iressaq it-talba kmieni sabiex jekk ikun hemm hsieb li kemm ahna nwaqqfu lil xi hadd jew huma jiddeciedu li jridu jtemmu l-kuntratt, ikun hemm zmien bizzejjed biex tohrog sejha skont il-htiega. Fuq proposta tal- President, l-Eżekuttiv qabel li l-kuntratti tal-impjegati kollha imsemmija għandhom jiġu mġedda. Huwa qal li se jitkellem mal-haddiema u jinfurmhom bid-decizjoni u jara' jekk huma humiex fuq l-istess binajru.

**42.6.5 Fondi LESA**

Il-President semma li iltaqgħa mal-LESA fil-preżenza wkoll tal-Ministru Dr. Byron Camilleri rigward il-fondi tal-LESA għall-proġetti fil-lokalitajiet. Semma li intleħaq ftehim li l-allokazzjoni ta' €900,000 jibqgħu jingħataw, ser isir kuntratt għall-tliet snin, bis-somma tiġi riveduta kull sena. Semma li l-massimu li Kunsill Lokali jista' jieħu huwa ta' €80,000. Kunsill Lokali ma jistax japplikja aktar minn darba matul id-durazzjoni tal-kuntratt. Il-Presidenti Reġjonali semmew li r-Reġjuni ser ikunu żvantaġġjati f' dan ir-rigward ghax mhux ser ikunu jistg]u jibbenifikaw minn proġett kull sena. L-Assocjazzjoni tista' wkoll tapplika ghal progett sa 50 elf ewro fis-sena filwaqt li filwaqt li se tinghata 50 elf ewro ohra bhala management fee biex tmexxi l-progett. Dan sabiex jibqa' l-ammont li kiniet tinghta l-Assocjazzjoni fis-snin ta' qabel, liema

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

ammont kien jinghata b' mod shih bhala management fee. Din id-darba dan l-ammont, nofu irid ikun ibbazzat fuq progett. Huwa qal li l-applikazzjonijiet tal-Kunsilli Lokali iridu jaslughand l-Assocjazzjoni filwaqt li se jitqawwaf kumitat adhoc flimkien ma ufficcjali mill-LESA sabiex jaggudikaw dawn il-proposti. Wara diskussjoni u xi mistoqsijiet, kien hemm qbil dwar dan.

42.6.6 Is-Sur Joe Cordina talab li jkun skużat u ħalla l-laqgħa 18:24

**42.6.7 Slow Streets**

Il-President semma li kienet saret laqgħa kemm ma' CRPD kif ukoll ROTA rigward il-proġett Slow Streets. Wara li ġie iffirmat Non-Disclosure Agreement, l-AKL bdie tagħaddi kopji tal-istudji sabiex ikun hemm ukoll analiżi kif ukoll rimarki li jixtiequ jagħmlu kemm CRPD kif ukoll ROTA.

**42.6.8 Proposta mill-AKL fuq l-Awditjar tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali.**

Il-President semma li kiif kien spjega fil-laqgħa tal-Eżekuttiv preċedenti, wara l-proposta imħejjija, kellu laqgħa mal-Awditur Ġenerali kif ukoll mad-Direttur Ġenerali rigward is-suġġett u jidher li l-proposta intlqgħet tajjeb. Semma wkoll li biex id-Diviżjoni tkun f' pożizjoni li twettaq din il-proposta jrid li jkun hemm reklutaġġ ta' madwar 20 persuna oħra fl-istess Diviżjoni.

**42.6.9 Proposta minn Calypso Radio**

Il-President semma li l-AKL kienet irċeviet proposta minn Calypso Radio sabiex il-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali jkollhom prezz ridott jekk ikunu jixtiequ jissieħbu fl-inizjattiva li l-istess radju jagħmel permezz tal-outside broadcasting unit. Il-President semma li ser ikun qed jiċċirklua din il-proposta mal-Kunsilli Lokali.

**42.6.10 Membership ECAD**

Il-President semma li l-ECAD bagħtu l-fattur tal-membership għas-sena 2021. L-Eżekuttiv qabel li l-AKL għandha tħallas din il-membership.

**42.6.11 Ħaddiema CIES**

Il-President semma li kif kien informa fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu 41, L-AKL kienet impjegat żewġ ħaddiema fuq bażi part-time taħt l-iskema ta' CIES. Jidher li wieħed mill-ħaddiema li jbgħati minn problemi ta' saħħa mentali, qed ikollu xi problemi sabiex ikun jista' jagħmel il-ġurnata

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

tax-xogħol. Il-President semma li s-Segretarja qiegħda f' kuntatt kemm ma' Lino Spiteri Foundation kif ukoll mal-ġenituri tal-istess impjegat.

**42.6.12 Tilqima tal-COVID-19 għall-impjegati tal-Kunsilli Lokali**

Il-President semma li b' referenza ghall-korrispondenza mibghuta mir-regjun nofs inhar, bħala President kien diġa għamel it-talba tiegħu biex ħaddiema tal-Kunsilli Lokali jitqiesu mal-frontliners u jingħattaw il-vaċċin. Dan qabel waslet din il-korrispondenza. Is-Sur Fench Adami semma li wieħed għandu joqgħod attent kemm iwessa' it-tifsira ta' front liners għax dan jista' jkun ifisser li sabiex Membru Elett jew ħaddiem tal-Kunsill jieħu l-vaċċin, ikun qed jinqabeż persuna li vera jkollu l-bżonn din il-vaċċin.

42.6.13 Dr. Samuel Azzopardi talab li jiġi skużat fis-18:49

**42.6.14 Learning Works – Women in Leadership Level 6**

Il-President semma li l-AKL kienet ġiet avviċinata mill-institut edukattiv Learning Works sabiex Membri Eletti u ħaddiema mal-Kunsilli li huma nisa jiġu inkoraġġiti li jsegwu programm ta' studju fuq livell 6 fejn jagħti għarfien u għodda lill-mara sabiex tippromoetti 'l quddiem kemm fil-karriera professjonali u anki dik politika. Il-President semma li l-AKL ġiet offruta prezz issusidjat għall-Membri Eletti u ħaddiema. Il-President semma li kienet ser tintbgħat ċirkulari bl-informazzjoni.

**42.6.15 Każ tas-Sur Jimmy Magro**

Il-President semma li l-AKL kienet qed tipprova tagħmel kuntatt telefoniku u wara intbgħatet anki korrispondenza elettronika kemm lil-IAID kif ukoll lill-Ispettur li kien responsabbli mill-każ. Il-President semma li l-AKL ma ġiet notifikata bl-ebda avviżż fuq fiex wasal il-każ biss pero l-AKL xtaqet tkun taf il-files li ġarġu mill-AKL għand liema Awtorita' jinstabu.

**42.6.16 Msida Junction**

Il-President semma li fuq talba kemm ta' CRPD kif ukoll ta' ROTA kellu laqgħqat separatament magħhom sabiex jitkellmu fuq il-problemi li qed jaraw li ser ikun hemm fil-proġett tal-Imsida Junction. Semma wkoll li ltaqa mal-Kunsill Lokali tal-Imsida sabiex jieħu r-reazzjoni tagħhom ukoll. Semma li primarjament jidher li hemm il-problema

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| | tan-nuqqas ta' aċċessibbilita' fejn din hija determinata biss minn użu ta' lifts biex wieħed jaqsam min-naħa għall-oħra tal-lokal. Il-President semma li fil-bidu ta' Frar, l-aKL flimkien ma' CRPD u l-Kunsill Lokali tal-Imsida ser ikunu qed jiltaqgħu ma' Infrastruttura Malta. |
| **42.6.17 Policy ta' Transpot Malta rigward it-tabelli u riklamar fit-toroq** | Il-President semma li din il-policy ġiet konkluża min-naħa ta' TM. |
| **42.6.18 Proċeduri tal-Akwist – Skeda 2** | Il-President semma li kif spjega fl-aħħar laqgħa l-AKL flimkien mal-Kunsilli Reġjonali tnehhew minn Skeda 3, liema skeda fiha l-Kunsilli Lokali kollha u tpoġġew fi skeda 2 mad-Dipartimenti, Minsteri u entitajiet pubbliċi. Il-President spjega li intbgħatet ittra konġunta mill-AKL u d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fejn qed issir talab biex terġa' tiġi rikonsidrata din id-deċiżjoni u fejn l-AKL uriet ukoll it-tħassib tagħha fuq din id-deċiżjoni. **Ittra Annessa.** |
| **42.6.19 EUCF** | Il-President semma li ser tkun qed tinfetaħ it-tieni sejħa fil-ġimgħat li ġejjin. Semma li l-AKL ser tkun qed torganizza Webinar peress li hija National Country Network fi ħdan dan il-proġett. |

### 42.7 Affarjiet Oħra

42.7.1 Is-Sur Michael Fenech Adami semma li jeħtieġ li lkoll naħdmu flimkien għax qed tinħass apatija fil-ħidma tal-Kunsilli Lokali. Semma kif il-pandemija COVID-19 ħassret ħafna mill-attivitajiet li is-soltu Kunsill jorganizza u għaldaqstant jidher li ħafna Membri Eletti jinstabu demotivati. Semma wkoll li l-involviment tas-Sindki anki fil-Laqgħa tar-Reġjun qed tkun waħda xejn impressjonanti.

42.7.2 Is-Sur Jesmond Aquilina semma li jaqbel ma' dak li qed jgħid is-Sur Fenech Adami imma fir-Reġjun Nofsinhar tinħass ukoll apatija minn diversi Kunsilli Lokali li jafu li mis-sena id-dieħla mhux ser ikunu ma' l-istess Reġjun u għaldaqstant dawn qed iħossuhom li ser ikollhom jibdew mill-bidu. Dan qed iwassal biex wieħed joqgħod lura milli jissieħeb f' inizjattivi jew proġetti organizzati mir-Reġjun.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

42.7.3 Is-Sur Anthony Mifsud talab li għandha terġa' issir talaba formali lill-Awtorita' tal-Ippjanar biex Reġjun ikollu vot fuq il-Board tal-Awtorita' tal-Ippjanar fejn dawn ikunu qed jiddiskutu proġetti kbar fil-lokalitajiet. Il-President wiegeb li din kienet diga giet diskussa u t-twegiba kienet fin-negattiv. Minkejja dan, jekk hemm it-talba u qbil, terġa' tintbgħat.

**42.8 Aġġornament**

42.8.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u kwart ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 16 ta' Frar 2021 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija ġewwa l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Kien hemm qbil ukoll li jintbgħat invit għall-laqgħa online għal dawk li għal xi raġuni jew oħra xtaqu jsegwu mid-dar.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.43 li nżammet nhar it-Tlieta, 16 ta' Frar 2021.

**Mario Fava**
**President**

Assocjazzjoni
Kunsilli Lokali

DG Contracts
Mr Anthony Cachia

Re: Listing of LCA and Regional Councils under Schedule 3 of the Public Procurement Regulations

Local Councils were listed under Schedule 3 of the Public Procurement Regulations upon their incorporation way back in 1993 in order to emphasize the importance of autonomy. During that time, there was a national debate on how much autonomy the Local Councils should have and the Government of Malta of that time was insisting that Local Councils should be as autonomous as possible and that Central Government should use Local Councils to decentralise its powers and bring decisions closer to the people. As part of this policy, the Government of Malta included Local Councils in Schedule 3 of the Public Procurement Regulations as stated above and also included Procurement Regulations tailor made for Local Councils in the Local Councils Act. During the past 27 years of Local Councils in Malta, the Local Councils Act was amended on various occasions by Governments led by the two main political parties in Malta and the issue of Procurement Regulations was never discussed with both the LCA and also the DLG. Moreover, the Procurement Regulations enshrined in the Local Councils' Act was amended in order to better reflect the needs of Local Councils and also to ensure more transparency in the use of local funds.

The Local Councils' Association was established in 1994 and the Regional Councils were formally established in 2019. Despite the fact Local Councils are listed under Schedule 3 of the Public Procurement Regulations, both the Local Councils' Association and the Regional Councils, which are an extension of the Local Government system in Malta, were never mentioned or listed under the same regulations. This is being interpreted by your Department that these two Contracting Authorities are being considered as automatically listed under Schedule 2 of the Public Procurement Regulations. We are of the understanding that this is general rule to ensure that all Contracting Authorities not listed under Schedule 2 are not automatically considered as entities listed under Schedule 3.

As LCA, representing both the Regional Councils and also the Local Councils, please consider this email as the formal request to include both the Local Councils' Association and the Regional Councils under Schedule 3 like the Local Councils for the below reasons:

- The LCA and Regional Councils are an extension of the Local Government system in Malta and as such they should be considered like Local Councils.
- All Local Councils, Regional Councils and the LCA should have an Executive Secretary who is responsible to guide all the entities falling under the Local Government system in Malta to operate under all the respective and related Laws of Malta.
- It is also important to highlight the fact that when the NAO audits Local Councils and all the entities falling under the Local Government system in Malta, it does so by comparing the operations of all the entities versus the applicable laws and regulations to the same entities, that is the Local Councils' Act and other laws and regulations issued by the DLG.

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali

www.lca.org.mt

- All the entities falling under the Local Government system in Malta have their specific Public Procurement Regulations which regulate their operations and also the spending of public funds.
- The DLG is the regulator and also the responsible Department for all the entities falling under the Local Government system in Malta.
- It is the politician at local level who is responsible for any wrongdoings at the level of Local Council, Regional Council and LCA.

Finally, apart from our formal request to include both the Local Councils' Association and the Regional Councils under Schedule 3 like the Local Councils, we would like to continue cooperating with your Department in order to ensure that all stakeholders involved in the Local Government system in Malta have the necessary skills to utilise public funds in the most efficient and transparent way for the benefit of taxpayers and their localities.

Mario Fava
LCA President

Natalino Attard
Director General Local
Government Division